

5.12.2018

A8-0417/141

**Emenda 141**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**  
Regolament (KE) Nru 178/2002  
Artikolu 39 - paragrafu 2 - parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Awtorità **tista'** taççetta **biss** li tipprovdi trattament kunfidenzjali b'rabta mal-informazzjoni li ġejja, li d-divulgazzjoni tagħha **tista'** titqies, **wara ġustifikazzjoni verifikabbli**, li tagħmel ħsara sinifikanti għall-interessi kkonċernati:

2. L-Awtorità **għandha** taççetta li tipprovdi trattament kunfidenzjali b'rabta mal-informazzjoni li ġejja, li d-divulgazzjoni tagħha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għall-interessi kkonċernati, **sakemm ma jiġix ippruvat li dan mhuwiex il-każ:**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni treġġa' lura l-oneru tal-provi għal ċerti siltiet ewlenin ta' informazzjoni li ilhom żmien twil magħrufa li jikkostitwixxu informazzjoni kummerċjali riżervata ("CBI") fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE li taqa' taħt il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel. Din tagħmel hekk mingħajr ma tipprovdi spjegazzjoni ta' din il-bidla sinifikanti. Dan it-treġġiġh lura mhux iġġustifikat għandu jiġi kkoreġut.*

5.12.2018

A8-0417/142

**Emenda 142**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**  
Regolament (KE) Nru 178/2002  
Artikolu 39d – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex l-informazzjoni riċevuta minnhom skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel li għaliha jkun intalab it-trattament kunfidenzjali ma tiġix ippubblikata qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba ta' kunfidenzjalità mill-Awtorità u *din tkun saret definitiva*. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri neċessarji biex ma tiġix ippubblikata l-informazzjoni li għaliha ġie aċċettat trattament kunfidenzjali mill-Awtorità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex l-informazzjoni riċevuta minnhom skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel ma tiġix ippubblikata qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-talba ta' kunfidenzjalità mill-Awtorità u ***qabel ma jiġi ppubblikat l-abbozz tal-opinjoni xjentifika tagħha f'konformità mal-Artikolu 38***. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri neċessarji biex ma tiġix ippubblikata l-informazzjoni li għaliha ġie aċċettat trattament kunfidenzjali mill-Awtorità.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/143

**Emenda 143**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**  
Regolament (KE) Nru 178/2002  
Artikolu 39e – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Minkejja l-paragrafu 1, id-divulgazzjoni tal-ismijiet u tal-indirizzi ta' persuni fiżiċi involuti fl-ittestjar fuq annimali vertebrati jew fil-kisba ta' informazzjoni tossikoloġika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-privatezza u lill-integrità ta' dawk il-persuni fiżiċi u dawn ma għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, **sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti.**

(2) Minkejja l-paragrafu 1, id-divulgazzjoni tal-ismijiet u tal-indirizzi ta' persuni fiżiċi involuti fl-ittestjar fuq annimali vertebrati jew fil-kisba ta' informazzjoni tossikoloġika għandha titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-privatezza u lill-integrità ta' dawk il-persuni fiżiċi u dawn ma għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-test għandu jitħassar peress li t-terminu "interess pubbliku prevalenti" mhuwiex definit.*

5.12.2018

A8-0417/144

**Emenda 144**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**  
Regolament (KE) Nru 178/2002  
Artikolu 39 - paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-lista ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe liġi tal-Unjoni dwar l-ikel.

3. Il-lista ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ***m'għandhiex tipprekludi talba għall-kunfidenzjalità ppreżentata għal informazzjoni oħra li ma tibbenefikax mill-preżunzjoni tal-kunfidenzjalità f'dak il-paragrafu u għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe liġi tal-Unjoni dwar l-ikel.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tnaqqas l-informazzjoni li għaliha jista' jintalab trattament kunfidenzjali għal lista eżawrjenti ta' informazzjoni. L-effett huwa li din m'għadhiex tippermetti li d-deċiżjonijiet meħuda mill-EFSA dwar id-divulgazzjoni jqisu ċ-ċirkostanzi individwali ta' kull każ. Dan johlq kuntrast qawwi mar-Regolament (KE) 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni - li japplika wkoll għad-dokumenti miżmuma mill-EFSA.*

AM\1171409MT.docx

PE623.765v01-00

5.12.2018

A8-0417/145

**Emenda 145**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**  
Direttiva 2001/18/KE  
Artikolu 28 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Meta l-Kumitat Xjentifiku rilevanti jiġi kkonsultat skont il-paragrafu 1, dan għandu jagħmel pubblika n-notifika/l-applikazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita min-notifikatur/mill-applikant, *kif ukoll l-opinjoni* xjentifiċi tiegħu, b'konformità mal-Artikolu 38 u mal-Artikoli 39 sa 39f tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis, u mal-Artikolu 25 ta' din id-Direttiva.

4. Meta l-Kumitat Xjentifiku rilevanti jiġi kkonsultat skont il-paragrafu 1, dan għandu jagħmel pubblika n-notifika/l-applikazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita min-notifikatur/mill-applikant, *fl-istess ħin mal-abbozzi ta' opinjoni* xjentifiċi tiegħu, b'konformità mal-Artikolu 38 u mal-Artikoli 39 sa 39f tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis, u mal-Artikolu 25 ta' din id-Direttiva.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/146

**Emenda 146**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**  
Regolament (KE) Nru 1829/2003  
Artikolu 29 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, kif ukoll l-opinjoni jiet xjentifiċi tagħha u l-opinjoni jiet mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/18/KE, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, kif ukoll l-opinjoni jiet xjentifiċi tagħha u l-opinjoni jiet mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/18/KE, ***fl-istess ħin mal-abbozz ta' opinjoni xjentifika tagħha***, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

5.12.2018

A8-0417/147

**Emenda 147**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**  
Regolament (KE) Nru 1831/2003  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni u kwalunkwe informazzjoni fornita mill-applikant, b'konformità mal-Artikolu 18.;

(c) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni u kwalunkwe informazzjoni fornita mill-applikant, ***fl-istess ħin meta l-Awtorità tippubblika l-abbozz ta' opinjoni xjentifika tagħha***, b'konformità mal-Artikolu 18.;

Or. en

5.12.2018

A8-0417/148

**Emenda 148**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 1831/2003  
Artikolu 18 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***kif ukoll l-opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis.

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***fl-istess ħin mal-abbozzi ta' opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li għandhom japplikaw mutatis mutandis.

Or. en



5.12.2018

A8-0417/149

**Emenda 149**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**  
Regolament (KE) Nru 2065/2003  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ii) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni, għall-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, b'konformità mal-Artikoli 14 u 15.;

(ii) tiżgura aċċess pubbliku għall-applikazzjoni, għall-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u għal kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***meta tippubblika l-abbozz ta' opinjoni xjentifika tagħha***, b'konformità mal-Artikoli 14 u 15.;

Or. en

5.12.2018

A8-0417/150

**Emenda 150**  
**Renate Sommer**  
f'isem il-Grupp PPE

**Rapport**  
**Renate Sommer**

**A8-0417/2018**

It-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari  
(COM(2018)0179 – C8-0144/2018 – 2018/0088(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2**  
Regolament (KE) Nru 2065/2003  
Artikolu 14 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***kif ukoll l-opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

1. L-Awtorità għandha tagħmel pubblika, l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-informazzjoni ta' appoġġ rilevanti u kwalunkwe informazzjoni supplimentari fornita mill-applikant, ***fl-istess ħin mal-abbozz ta' opinjonijiet*** xjentifiċi tagħha, b'konformità mal-Artikolu 38, mal-Artikoli 39 sa 39f u mal-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Or. en